# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA SAN PAWL APPOSTLU - MALTA NOVEMBRU 2009

## NUMRU 150




**Tifkira għażiża ta' ħutna l-patrijiet, l-familjari tagħna u l-benefatturi.**

***Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem u d-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom jistrieħu fil-paċi. Amen***

Fl-okkażjoni ta' dan in-Numru **150** ta' l-**AĦBAR**,
inroddu ħajr lill-Alla u lil dawk ħutna l-patrijiet
li ħadmu qatiegħ b' risq din ir-rivista.

**MULTOS ANNOS!!!!!**



# PENTEKOSTE FRANĠISKAN ĠDID ( 2 )

P. Raniero Cantalamessa O.F.M. Kap.

**2.** Kari]mati/i itineranti

F' din l-ewwel fażi, Franġisku m' analizzax il-kontenut ta' l-għażla tiegħu; liema aspetti tal-Vanġelu se jipproponi, jiġifieri, li jgħexu mill-ġdid. Mexxa skont l-istint tiegħ u ta' *sine glosa*. Ħadnu kollu, bħal meta xi ħaġa li ma tinfiridx. Aħna llum nistgħu niskopru l-kontenut konkret ta' l-għażla tiegħu, li l-bażi tiegħu huwa f' dak kollu li huwa għamel qabel u wara l-vjaġġ, li għamel sa Ruma u l-laqgħa li kellu mal-Papa. Issa nistgħu nitkellmu fuq : il-predikazzjoni, it-talb u l-faqar.

L-ewwel ħaġa li Franġisku għamel, kien li mar hu stess u bgħat lil sħabu jduru l-villaġġi u l-pajjiżi biex jippriedkaw l-penitenza, eżattament kif sema' li kien għamel Ġesu'. Ġesu' kien jippriedka bejn il-mumenti ta' talb: bil-lejl, bin-nhar, ma' sbieħ il-jum u tard filgħaxija. Kien jibda bit-talb u jgħalaq bit-talb, wara li jkun għamel il-vjaġġi tiegħu. L-istess għamlu l-grupp iż-żgħir, li nġabar ma' Franġisku. It-talb kien l-għajn ta' kull attivita', li kienu jgħamlu kuljum. Dan kollu kien isir f' għaqda ma' ħajja fqira fil-veru sens tal-kelma, jiġifieri ħajja fqira materjali b' mod radikali, kif ukoll dik spiritwali - semplicita', umilta' u ħarba mill-unuri. Dawn kollha aktar tard Franġisku ġabarhom fl-isem li huwa stess ta lill-patrijiet tiegħu - Patrijiet Minuri.

Ta' min jinnota punt importanti: din l-ewwel esperjenza kienet kollha lajkali. Il-magħruf storiku Joseph Lortz qal, b' ċerta awtorita' :"Iċ-ċentru l-aktar intimu tal-qdusija fil-qaddis Franġisku, mhuwiex dak klerikali".

L-intwizzjoni ta' Franġisku ssib it-twettiq singulari fl-orjentament l-aktar reċenti fl-istudji fuq 'il Ġesu storiku. Saret ħaġa komuni li, Ġesu' u l-grupp tiegħu jiġu identifikati, mill-lenti soċjoloġika, bħala 'karizmatiċi itineranti'. Jibqa' l-fatt li din il-ħaġa, kif hija mifhuma minn xi whud, tħalli xi riservi. Il-kelma 'karizmatiċi' turi l-karattru profetiku tal-predikazzjoni ta' Ġesu', f' għaqda mas-sinjali u l-mirakli. Il-kelma 'itineranti' turi l-karattru mobbli u ċ-ċaħda li tibqa' dejjem fl-istess post, skont kif qal Ġesu' stess: "Il-volpijiet għandhom l-egħrien tagħhom, u l-agħsafar tas-sema l-bejtiet; iżda Bin il-Bniedem ma għandux fejn imidd rasu". (Mt 8:20) Ma nistgħux insibu definizzjoni aktar adattata għal dan l-ewwel grupp, li nġabar madwar Franġisku: karizmatiċi itineranti.

3. Minn Fran;isku sa Kristu

Issa niġu għal żminijietna biex naraw x' nistgħu nitgħallmu minn dan il-bidu tal-moviment franġiskan. L-ewwel periklu, jew illużjoni, huwa li għandu jiġi evitat li nippruvaw ripproduċu, fil-forom esterni u konkreti, l-esperjenza ta' Franġisku. Il-ħajja u l-istorja huma bħal xmara: ma jmorrux lura.

Il-tentattivi tar-riformi franġiskani, li fihom tispikka l-attenzjoni fuq il-fatturi esterni tal-franġiskan fl-immaġinazzjoni popolari, jistgħu jiġbdu għal xi mumenti l-ammirazzjoni tan-nies, li titgħaxxaq tara istintivament l-antikonformiżmu u stil tipo *hippe* jew għandha nostalġija ta' ċertu passat prekonċiljari. Imma dawn ma jdumux ħafna quddiem il-prova taż-żmien u tal-ħajja. Huwa s-sugu li minnu twieldet is-siġra, li hemm bżonn jinstab u mhux nerġgħu niżirgħu l-weraq tas-siġra fl-art .

Irridu qabelxejn insibu ruħna f' prospettiva tajba. Meta Franġisku kien iħares lura, kien jara lil Kristu. Meta aħna nħarsu lura, naraw lil Franġisku. Id-differenza bejnu u bejna hija hawn, imma hija kbira ħafna. Mistoqsija: "F' hiex tikkonsisti l-kariżma franġiskan? Tweġiba: "Billi tħares lejn Kristu bl-għajnejn ta' Franġisku" ! Il-kariżma franġiskan ma tikbirx billi tħares lejn Franġisku imma trid tħares lejn Kristu bl-għajnejn ta' Franġisku.

Kristu hu kollox għal Franġisku. Huwa dak li hu għerfu u ħajjtu. Qabel ma sar viżjoni teoloġika f' S. Bonaventura u Skotu, il-kristoċentriżmu kien esperjenza mgħajjxa, esistenzjali u mħassba. Mhemmx żmien, u mhemmx bżonn li timmultiplika l-kwotazzjonijiet. Fil-ħin tal-mewt, Franġisku lil wieħed minn sħabu li ħajru biex jaqra xi siltiet mill-Bibbja, Franġisku qallu: "Imma jiena, ngħid għalija, tant jiena midħla tal-Iskrittura, li issa għandi aktar milli neħtieġ għall-meditazzjoni u r-riflessjoni tiegħi. Ibni, jiena ma għandix bżonn ta' aktar minn hekk, għaliex *jiena naf lil Kristu fqir u msallab*". 2C 71 ( FSF 823 )

Qegħdin fis-Sena Pawlina u tkun ta' għajnuna għalina jekk ngħamlu paragun bejn il-konverżjoni ta' Pawlu u dik ta' Franġisku. Il-waħda u l-oħra kienu laqgħat qawwija mal-persuna ta' Kristu. It-tnejn li huma ġew "maħtufa minn Kristu" ( Fil 3,12). It-tnejn setgħu jgħidu: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu" u " Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu" (Fil 1, 21; Gal 2,20) It-tnejn setgħu jgħidu — Franġisku f' sens aktar qawwi minn Pawlu: " Jiena nġib f'ġismi l-marki ta' Kristu" (Gal 6,17). Huwa sinjifikattiv kif is-siltiet tal-Liturġija tas-Siegħat u tal-Quddiesa tal-festa ta' S. Franġisk huma meħudin, il-parti l-kbira minnhom, mill-Ittri ta' S. Pawl.

Il-famuża metafora taż-żwieġ bejn Franġisku u l-*Madonna Poverta'*, li ħalliet sinjali profondi fl-arti u fil-poeżija franġiskana, jista' jkun li tħodna f' direzzjoni żbaljata. Ma tinnamrax ma' virtu, lanqas mal-faqar. Tinnamra ma' persuna. Iż-żwieġ ta' Franġisku iva sar, bħal mistiċi l-oħra, żwieġ ma' Kristu. It-tweġiba, li kien jgħati Franġisku lil min kien jistaqsih jekk se jiżewweġ: "Se nieħu l-għarusa l-aktar nobbli u sabiħa li intom qatt ma rajtu", li, ħafna drabi tiġi intrepretata ħażin. F' dan il-kuntest proprju jidher ċar li, l-għarusa mhijiex il-faqar, imma t-teżor moħbi u l-ħaġra prezzjuża, jiġifieri Kristu. Jikkumenta c-Celano: "L-għarusa hija r-reliġjon vera li hu għannaq miegħu u s-saltna tas-smewwiet hija t-teżor moħbi, li tant kien jixtieq jakkwista". Ara 1C 3 ( FSF 204)

***jitkompla fil-ħarġa li jmiss......***



# 'IS-SACERDOT'
# FIL-KITBIET
# TA' MISSIERNA S. FRANGISK

Nhar id-19 ta' Gunju, waqt it-talba tal-Għasar, fis-Solennita' tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' u Jum il-Qdusija Saċerdotali, il-Papa Benedittu XVI ta' bidu għas-sena ddedikata lis-Saċerdot. F'din il-sena, il-Papa xtaq mhux biss li kull saċerdot jirrefletti aktar fuq dan id-don, li Alla għoġbu jagħtih, imma wkoll li l-poplu kollu jirringrazzja lil Alla, li għoġbu jgħażel minn fostu, tant erwieħ ġenerużi. Bħala għajnuna se nfakkru fis-siltiet, li nsibu fil-kitbiet ta' Missierna S. Franġisk, li jitkellmu fuq il-figura tas-'saċerdot :

Mit-**Twissjiet**: 'Bl-istess mod dawk kollha li jaraw is-sagrament (l-Ewkaristija), li jiġi mqaddes bil-kelma tal-Mulej fuq l-altar fl-idejn tas-saċerdot taħt ix-xbiħat tal-ħobż u ta' l-inbid……' v9 'ta' kuljum jinżel minn ħdan il-Missier fuq l-altar f' idejn is-saċerdot' v.18 1 {FSF 1}

Mill-**Ittra lill-Ordni kollu** : 'Nitlob ukoll fil-Mulej lill-aħwa kollha tiegħi li huma saċerdoti, li huma u li se jkunu, jew li jixtiequ jkunu saċerdoti ta' l-Aktar Għoli, sabiex kull meta jkunu jridu jiċċelebraw il-quddiesa, għandhom jiċċelebraw bis-safa kollu u bil-qima ………..' v.14 ' Ftakru, l-aħwa tiegħi saċerdoti, f' dak li hu miktub fil-liġi ta' Mose,………………' v.17 ' U lis-saċerdoti li ma jridux iqiegħdu dan kollu f'qalbhom fil-verita' ………' v.20 {FSF 58} 'Jekk il-Verġni mqaddsa…………...mela kemm għandu jkun qaddis, ġust, u jixraqlu, dak li jmiss b'idejh, jirċievi fil-qalb u bil-fomm tiegħu, u jqassam lill-oħrajn biex jiekluh, mhux aktar dak li se jmut…………….v.21 {FSF58} 'Ħarsu d-dinijita' tagħkom, aħwa saċerdoti u kunu qaddisin għaliex hu nnifsu hu qaddis. U bħalma lilkom il-Mulej Alla takom ġieħ fuq kulħadd mħabba dan il-ministeru li hu fdalkom, hekk ukoll intom għandkom tħobbuh, tqimuh u tagħtuh ġieħ fuq kulħadd. Hu għajb kbir u dgħufija ta' min jitħassarha li, waqt li intom ikollkom lilu preżenti fostkom, moħħkom jibqa' jitħasseb fuq il-ħwejjeġ tad-dinja, ikunu liema jkunu. Il-bnedmin kollha jibżgħu, id-dinja kollha titriegħed u s-sema jifraħ, meta Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj, jinżel fuq l-altar f' idejn is-saċerdot'. v.23-26 {FSF 59}

**N.B. L-Edizzjoni TAU fl-2005 ħarġet żewġ volumi tal-fonti tal-ħajja ta' S.Franġisk t'Assisi Ara: *www.tau.hanut.com***

***ikompli fil-ħarġa li jmiss***

## Id-diskors li għamel P. Giacomo Bini O.F.M. , ex Ministru General , fis-Santwarju ta' S. Damjan fit-28 ta' Mejju 2009, waqt iċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali fl-okkażjoni tal-Kapitlu Generali 2009



The passage from Luke's gospel (10,21-24) and St. Francis' 5th Admonition invite us to make our own the attitude of praise and gratitude for all that the Lord has done and does for us and with us. Out of contemplation of what He does, grows a consciousness of our poverty, unworthiness and unfaithfulness.

"I praise you, Father…": praise, adoration, and thanksgiving to the Father, are found in Luke in the context of the mission of the 72; on their return the disciples share the marvels accomplished "in his name" during the mission. They refer everything to Him; they share everything and "restore" everything to Him. We will always find ourselves confronting this decisive and fundamental choice in our life: whether to consider our works in the light of God, and "restore" them to Him, or to consider them as our own, claiming that we are the absolute protagonists of our success. This is a serious sin of appropriation against which Francis puts us on guard. Jesus praises the Father and gives Him glory for the "non-success" of the wise, the intelligent, those who know everything and appropriate everything to themselves; he rejoices instead in success among the little ones, without positions of great religious authority, without great ability in argumentation, those who may not have a facility with words, but are obedient to the Word and do not seek to manipulate it.

Francis reminds us that we cannot glory in anything, because we are only administrators of the goods that God has entrusted to us, not owners: "We can claim only our vices and sins as our own."

Praise and gratitude are closely linked to faith, to a right and just relationship with God, with ourselves and with others. They express an awareness of our "creatureliness", of our real identity, of our poverty which renders us welcoming and available before God. Saying thank you is neither obvious nor taken for granted: only one leper in ten returned to give thanks! Gratitude opens us to adoration, to contemplation of the presence of God in our action: it leads us naturally to refocus our life and our identity more on being than doing. Serene and conscious gratitude acquires a prophetic dimension above all in our day, characterized by a frenzy to possess, accumulate, and an attitude of being owed everything. Gratitude, on the other hand, expresses itself in the freedom of expropriation in order to become "exclusive property" of the Lord, referring everything to Him and becoming a creative space for God in service of his Kingdom.

Are praise and thanksgiving truly the essential dimension, the fundamental notes of our life? In his 5th Admonition, Francis connects the joy of our being created in the image of God, as a marvellous work of his love, with the constant temptation of seeking to appropriate for ourselves the gifts that do not belong to us, and to glory in them. The forgiveness that we invoke this evening, for us and for all our brothers who have preceded us over eight centuries of history, concerns above all the lack of that radical expropriation which we have promised in professing the Rule.

How many marvels and miracles has the Lord accomplished through our brothers in this long time! How many would he still do through us today, if we were really to entrust ourselves to his love, if we were to allow ourselves once more to be led by God without resisting, without making absolute our own plans, whether personal or provincial! It would be sad if, remembering our centuries-long history, we were to commit the sin of appropriating to ourselves this history, these marvels that our saints have accomplished, glorying in them without merit: "It is a great shame for us, the servants of God, that the saints accomplished great things and we want only to receive glory and honour by recounting them." (Adm VI)

# The Franciscan Popes (2)

## Nicholas IV ( 22.2.1288-4.4.1292 )



Girolamo Masci was born at Ascoli Piceno in 1227, perhaps in the nearby village of Lisciano. He held many offices in the Order and succeeded St. Bonaventure as Minister General at the General Chapter of Lyons on the 20th May 1274. He participated at the 2nd Council of Lyons (1274) and had the privilege of announcing the reaching of the wished for accord between the Latin and Greek churches. He succeeded Honorius IV, after a *sede vacante* for almost a year, because there were disputes between the cardinals and in Rome fever broke up, with the result that at least six cardinals died during the conclave. In fact for the whole of summer he ordered that all the stoves of Rome will be lighted, so that air will be purified. He was elected on the 22nd of February 1288. In the See of St. Peter he confirmed his qualities as a man of piety and zeal. He worked for the agreement with the Greeks, the missions in the Middle and Far East ( in fact he sent the Franciscan Giovanni da Montecorvino ( 1246-1328 ) to Persia, India and China) and for the defence of Christian Europe against the Muslims, and for peace between Italian princes and people. He was distinguished also for his patronage of the city of Rome (the apse of Santa Maria Maggiore and that of St. John of Lateran date to his time). This first Franciscan pope was buried in Santa Maria Maggiore, as he died in the palace that he had built near it. A monument, by Domenico Fontana, was erected on his tomb. His pontificate lasted for four years and two months.

## Sixtus IV ( 9.8.1471-12.8.1484 )



Francesco della Rovere of Savoy was born at Colle Ligure, near Savona in 1414. During his childhood, his mother consecrated him under the Patronage of St. Francis of Assisi because of his frequent illnesses. At the age of nine, he was educated by the Franciscan Giovanni Pinarolo. He entered the Franciscan Order when he was still a youth. Later he was a professor of theology at Pavia, Padua, Rome and Florence. He was elected Minister General of the Franciscan Order in 1464 at Perugia. He succeeded Pope Paul II. Farseeing and zealous in propagating the faith, he supported vigorous actions against the incursions of the Turks. His name is linked mainly however to his splendid patronage. It is to him we owe the Sistine Chapel, which was inaugurated in 1483 and the new Apostolic Library, the inauguration of which was immortalized in the splendid fresco of Melozzo da Forli (Vatican Art Gallery). He approved officially the feast of St. Joseph—19th March. He embellished and restored many churches in Rome. He celebrated the seventh Holy Year of 1475, by building the Sixtus Bridge for the convenience of the many pilgrims. He was buried in St. Peter's Basilica. His pontificate lasted for thirteen years and three days.



## Sixtus V ( 12.4.1585-27.8.1590)

Born at Grottamare, in the Marche region, on the 31st December 1520, Felice Peretti was amongst the strongest personalities of his time and one of the most singular of Popes. He entered the Franciscan convent of Montalto Marche at the age of nine, where his uncle, Frate Salvatore used to live. A professor of theology and a theologian of the Council of Trent he was called, contrary to all forecasts, to succeed Pope Gregory XIII. He chose the name of Sixtus, in honour of the other Franciscan Pope and he immediately showed exceptional energy in every field of his activity. He restored the State eliminating brigandage, he made agreements with Venice making peace between it and Milan, reconciled the Orsini and Colonna families in Rome. He fixed the number of Cardinals at 70, a figure which lasted until the Second Vatican Council and he organized the Curia in 15 Congregations. He gave thought also to the amendment of the Latin version of the Bible (the Vulgate) and the reform of the liturgy. He was responsible for the completion of Michaelangelo's dome, left unfinished by the artist and which no one after him had the courage to complete ( it was built in 22 months). He built the new Lateran Palace and also that of the Quirinal; he gave the façade of the Vatican buildings and the Library their present day appearance and transferred the Egyptian obelisk to the centre of St. Peter's Square, placing other three obelisks at other important points in Rome. He provided a regulatory plan for the city which was both logical and elegant, especially from Santa Maria Maggiore to the Spanish Steps. He brought water from Palestrina to Rome, which he called *Aqua Felix*. He accomplished all of this in five years. In 1590 in fact he died of malaria, in the Quirinal's Palace, which he contracted visiting the Pontine marshes, which he had ordered to be dried up. He now rests in Santa Maria Maggiore, in the Chapel of the Most Holy Sacrament. His pontificate lasted for five years and four months.



## Clement XIV (19.5.1769-22.9.1774)

He was born at Sant'Arcangelo , near Rimini on the 31st October 1705 and he entered the Order of the Conventual Friars Minor at Urbino. A distinguished theologian, writer and Latin poet and collaborator in various papal works, he was made a Cardinal by Clement XIII. Of jovial character and exquisite sensibility and an intimate friend of St. Paul of the Cross (founder of the Passionists), he was elected to the supreme government of the Church during a period of overbearing regalism and at a conclave made difficult by the political intrigues of the European monarchs. A conciliating spirit who had both tact and patience he sought agreements with European princes, including Protestant ones. He worked hard for the building up of Catholic missions in Africa, Asia and America. He favoured both sciences and the arts. His name remains linked to the admirable Pius-Clement Museum. He firmly held out for four years against the called for abolition of the Jesuits, whose members were expelled from many countries. He succumbed finally to intense political pressures and in order to calm many turbulent souls. He died in 1774 and was buried in the Vatican, but later moved in 1802 to the Conventual Basilica of the Twelve Apostles. His pontificate lasted for five years and almost four months.

# Il-Knisja li toffri 'ubuntu'



Bejn l-4 u l-25 t' Ottubru fil-Vatikan sar is-Sinodu tal-Isqfijiet bit-tema ' Il-Knisja fl-Afrika fis-servizz ta' rikonċiljazzjoni, ġustizzja u paċi. Intom il-melħ tal-art. Intom id-dawl tad-dinja'. Il-Kardinal Wilfrid Fox Napier O.F.M., Arċisqof ta' Durban fl-Afrika t'Isfel sa mid-29 ta' Mejju 1992, kien wieħed mit-tlett Presidenti Delegati ta' dan is-Sinodu, li kien it-tieni wieħed li ġie ddedikat lill-kontinent tal-Afrika. Dan il-kardinal huwa magħruf għall-ħidmiet li wettaq permezz ta' medjazzjoni f' pajjiżu. Ħawn se nġiebu traduzzjoni ta' xi siltiet mill-intervista li saritlu u li dehret fir-rivista *Missioni francescane Agosto-Settembre 2009* p. 12-15.

Hemm kelma biz-zulu, il-lingwa mitkellma tal-poplu zulu ( 9 miljun ruħ - li aktar minn 95% minnhom jgħexu fl-Afrika t' Isfel), li fi ftit kliem, tista' turi l-Afrika x' tista' toffri lill-umanita waqt dan it-tieni Sinodu Afrikan: hija l-kelma '*ubuntu*'. "Jiġifieri dik il-qawwa li tmur 'l hinn mir-rabta tad-demm biex tħaddan l-umanita kollha, bħala familja waħda". Naħseb li dan il-kunċett jiġbor fil-qosor tant tajjeb dak li nsibu fl-enċiklika *Caritas in veritate* u li se tkun iċ-ċentru tad-diskussjonijiet waqt dan is-Sinodu".

*Inti komplejt taħdem bil-qawwa, fuq dak li beda l-predeċessur tiegħek, Mons. D. Hurley, favur il-ġustizzja f' pajjiżek. Wara dawn l-għoxrin sena li għaddew, kif inbidlet is-sitwazzjoni? X' inhuma l-problemi li hemm illum?*
Nelson Mandela ħadem tant tajjeb biex jifihem lin-nies il-valur tar-rikonċiljazzjoni. Ta kontribut validu biex għaqqad in-nazzjon b' gesti simboliċi aktar elokwenti minn elf kelma. Eżempju ta' dan huwa l-fatt li kellu l-kuraġġ jistieden f' daru għat-te lin-nisa ta' dawk il-persuni li ħadmu favur l-*apartheid*. Il-President Mbheki, ma kienx kapaċi biżżejjed biex ikompli dak li nbeda u l-grieħi ta' l-*apartheid*, li kienu għadhom ma tfejqux, komplew jikbru. Barra minn dan, hemm il-korruzzjoni, reġgħu nibtu forom ta' razziżmu u hemm firda qawwija bejn ' il ftit sinjuri u 'l ħafna foqra.

*Sar xi progress?*
Iva. Qabelxejn il-livell kulturali u soċjali għolla: il-pagi saru aktar ġusti u hemm aktar postijiet ta' xogħol. Hemm tibdil importanti ta' kif in-nies qegħdin jiġbu ruħhom ma' xulxin. Iż-żwiġijiet bejn il-bojod u s-suwed qegħdin jiżdiedu. Fl-iskejjel, jekk isqasi lit-tfal, kemm hemm bojod u kemm hemm suwed, ma jafux jwieġbu. Imma meta tistaqsihom kemm hemm subien u kemm hemm bniet, malajr jwieġbu.

*X' qed tistenna minn dan is-Sinodu?*
Indikazzjonijiet ċari dwar dak li l-Knisja qegħda tistenna mingħand il-politiċi u l-ekonomisti, b' mod speċjali wara l-pubblikazzjoni tal-enċiklika *Caritas in veritate*. Qed nistennew li l-Knisja tisfida lill-ekonomisti. Li jsir dak kollu li hemm bżonn għall-vittimi tal-*Aids*, b' mod speċjali fl-Afrika Subsaharjana. Meta niftakar fl-esperjenza tal-ewwel Sinodu, jiena konxju li dak li nżera' kellu bżonn iż-żmien biex innibet. Hemm bżonn li niżirgħu prinċipji ta' ġustizzja biex jinbtu fi żmien ta' għaxra snin oħra.

*F' din l-aħħar enċiklika l-Papa kiteb dwar xi għoxrin prinċipji morali. Naħseb l-aktar interessanti kien il-prinċipju tal-gratuita'. X' taħseb int dwar dan?*
Dan il-prinċipju morali tal-ġenerożita joġgħobni wkoll għaliex dak li aħna rċevejna b'self - xejn mhu tagħna - jobbligana biex, b'mod miftuħ, naqsmu dak li għandna u dak li aħna.

*****************************************************************

# Il-Provinċja miġbura madwar l-Isqof  Mario Grech

Nhar l-4 t' Ottubru l-maġġoranza ta' l-aħwa nġabru flimkien fil-knisja tagħna ta' S. Marija ta' Ġesu' fil-Belt Valletta biex jiċċelebraw flimkien il-festa solenni f' ġieħ Missierna S. Franġisk. Fil-5.30 pm saret Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Isqof t' Għawdex, Mons. Mario Grech. Miegħu kkonċelebraw l-Provinċjal, numru sabiħ t' aħwa, kif ukoll l-Arċipriet ta' S. Pawl, il-Kan. A. Camilleri. Fil-bidu tal-Quddiesa l-Gwardjan, P. Marcello Ghirlando O.F.M. għamel kelmtejn ta' merħba. L-Isqof, li kien għadu kemm wasal minn żjara pastorali fil-Brazil,  fl-omelija tiegħu tkellem bil-ħeġġa fuq l-karizma ta' Franġisku. Wara l-omelija, l-aħwa, flimkien mal-Provinċjal, ġeddew l-professjoni reliġjuża tagħhom quddiem l-isqof. L-offerti ttellgħu minn Fra Guzepp Debono, f' isem il-Provinċja, u tlett sorijiet franġiskani, li kienu qed jippreżentaw t-tlett kongregazzjonijiet franġiskani li għandna ġewwa pajjiżna. Wara t-tqarbin, il-Provinċjal irringrazzja lill-Isqof tal-presenża tiegħu u tal-kelma f' waqta li tana. Fl-istess waqt irringrazzja lil kulħadd tal-presenża numeruża u ħeġġ-eġ lil kulħadd biex ikompli jgħati s-sehem tiegħu fil-Provinċja u f' dawk il-postijiet, li l-Mulej għoġbu jibgħatna. Huwa offra lill-isqof bħala rigal, pjaneta gotika bin-*nome di Maria*. Is-servizz liturġiku sar mill-Istudenti u l-Postulanti tagħna. Filwaqt li Fra Leo Ciantar O.F.M. kien iċ-ċerimonjier. Il-mużika tal-Quddiesa kienet tal-Maestro Guseppe Camilleri u tmexxiet mis-Surmast C. Grech, hu l-isqof.  Wara l-patrijiet u 'l tant persuni (fosthom il-ġenituri ta' l-isqof Grech), li attendew għal din iċ-ċelebrazzjoni, kienu mistiedna biex jidħlu għar-riċeviment, li sar  fil-kurutur ta' ħdejn is-sagristija. Xi mezzi tax-xandir xandru din l-aħbar. Prosit tassew lil kulħadd u b' mod speċjali lill-komunita' tal-Belt. Nittamaw li din iċ-ċelebrazzjoni fraterna, bħala Provinċja, fil-jum ta' l-4 t' Ottubru, tibda ssir kull sena.



MUMENTI TA' TIFKIRA







## *AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA*

### Festa ta' Missierna S. Franġisk



Kull komunita' fasslet programm speċjali reliġjuż biex tiċċelebra l-festa solenni ta' Missierna S. Franġisk, b' mod speċjali f' din is-sena ċentinarja. Il-komunita tal-Ħamrun bdiet iċ-ċelebrazzjonijiet sa minn nofs Settembru - għall-festa ta' Missierna S. Franġisk fl-għoti ta' l-istimmati mqaddsa, it-titular tal-knisja, sa' l-4 t' Ottubru b' Quddiesa Pontifikali mmexxija minn Mons. T. Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta u l-Libja. Fil-knejjes l-oħra saru anki purċissjonijiet bl-istatwa tal-Qaddis t' Assisi, kif ukoll it-tberik tal-*pets*. F' Tas-Sliema, saret ċelebrazzjoni tal-paċi, li fiha 7 ambaxxaturi, residenti f' Malta, għamlu messaġġ qasir bil-lingwa tagħhom, dwar il-paċi. Kien hemm preżenti wkoll il-Ministru ta' l-Affarijiet Bar-ranin, l-Onor. Tonio Borg. L-aqwa taċ-ċelebrazzjonijiet saru fil-knisja tagħna tal-Belt bis-sehem ta' kważi l-aħwa kollha tal-Provinċja. Għal din l-okkażjoni l-artist Mark Satchwill għamlilna pittura - din li tidher hawn u sar *poster* stampat biha u l-kliem - *Patrijiet Fran ġiskani fil-Qalba tal-Knisja* - li tqassam f' kull fraternita'. Il-Laboratorju tal-PaĊI, permezz ta' bosta mezzi tal-*media*, tkellem dwar il-figura ta' Franġisku. Minn din il-paġna nirrin-grazzjaw lil P. Gwardjani u l-aħwa kollha, li kkoperaw magħhom biex, mhux biss ngħ amlu ċelebrazzjonijiet xierqa lil Missierna, imma lkoll kemm aħna nrridu nkomplu nitħe ġġu biex ngħexu mill-aħjar li nistgħu dak li titlobna r-regola. *Ara p. 9*

### Il-Provinċjal fl-Amerika

Nhar il-5 t' Ottubru l-Provinċjal mar għall-laqgħa ta' l-*English Speaking Conference,* li saret fis-*St. Francis Retreat House*, Easton*,* PA. Din il-Konferenza tikkonsisti fit-13 il-Provinċja - Malta, Ingliterra, Irlanda, 2 ġewwa l-Kanada, Litwanja u 7 fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, flimkien ma' Kustodja fl-Amerika. Wara din il-laqgħa, il-Provinċjal żar lill-aħwa li qed jaħdmu f' Londra.

### Dehra ġdida tal-*website* tal-Provinċja

Il-*website* tal-Provinċja — ***www.ofm.org.mt***— ingħatat dehra ġdida. Illum lkoll nafu kemm l-*internet* qed jikseb il-popolarieta' biex wieħed, fost l-oħrajn, jikseb aktar tagħrif. Għal dan il-għan il-*website* tal-Provinċja tagħna ġiet mġedda biex tagħti dehra aħjar għax il-Malti jgħid: 'l-ewwel ma tiekol l-għajn'. Fost l-oħrajn wieħed jista' jsib tagħrif aġġornat il-
ħin kollu dwar l-Provinċja tagħna, l-Amministrazzjoni tagħha u *powerpoints* għall-liturġija tal-Ħdud. Barra minn dan wieħed jista' jsib *links* mal-bosta ħidmiet pastorali li jwettqu ħutna fil-ġżejjer tagħna u barra minn xuxtna. Din qed isservi ta' mezz ta' tagħrif importanti u mmedjat tal-ħajja tal-Provinċja tagħna, b' mod speċjali, lill-aħwa, li jinsabu barra minn xuxtna u lil tant Maltin, li jinsabu mxerrdin f' bosta pajjiżi. Grazzi mill-qalb lil P. Joseph Magro O.F.M. u prosit tassew. !!!!

### Appell imqanqal minn ħuna P. John

Ħuna P. John Muscat O.F.M., li għal dawn l-aħħar snin qed jaħdem ġewwa l-Filippini, għamel appell imqanqal biex min jista', joffri donazzjonijiet għan-nies li nlaqtu mit-*Typhoon Ondoy*. Kull għajnuna tista' tintbgħat permezz tal-Uffiċċju Missjonijiet tal-

## Direttur ta' l-Ufficċju Kommunikazzjoni

Ħuna P. Ġwann Abela O.F.M. ġie kkonfermat bħala d-Direttur ta' l-Ufficċju Komunikazzjonijiet tal-Kurja Ġeneralizja ta' l-Ordni tagħna. Filwaqt li nifirħulu, nawgurawlu li jkompli f' dan is-servizz importanti u eċċellenti li qed jgħati lill-Ordni tagħna u ngħidulu 'Prosit tassew', kemm tal-*webpage* ta' l–Ordni— **www.ofm.org** , kif ukoll tas-*setting* u l-*graphics,* li hu jgħamel għall-pubblikazzjonijiet li, kull tant żmien, joħroġ l-Ordni tagħna.

## Ftehim mal-Provinċja Amerikana ta' l-*Immaculate Conception*

F' ittra li bgħat il-Ministru Provinċjal, P. Robert M. Campagna O.F.M., tal-Provinċja Amerikana ta' l-*Immaculate Conception*, lill-Ministru Provinċjal tagħna, għarfu li l-Provinċja tiegħ u kienet lesta biex toffri b' xejn il-*lodging* u l-formazzjoni tal-Istudenti tal-Provinċja tagħna fil-kunvent li għandhom f' Ruma - *Convento S. Francesco, via Nicolo V*, li jinsab eżattament wara l-Vatikan. Hekk huma, fl-istess waqt, ikunu jistgħu jgħamlu l-istudji tagħhom ġewwa l-*Pontificia Universita Antonianum*. Il-Provinċja tagħna se tħallas biss l-ispejjeż tal-Universita' u tal-ħajja ta' kuljum. Dan qed ssir mhux biss fuq xewqa tal-Provinċja tagħna, imma wkoll huwa frott tal-kooperazzjoni sħiħa, li ilha tinbena tul tant snin bejn iż-żewġ Provinċji, speċjalment bil-ħidmiet li qed jgħamlu jew li għamlu ħutna fl-Amerika Ċentrali u fil-Kanada.

## Patri Polakk ieħor fil-Libja

F' ittra li bgħat il-Ministru Provinċjal , P. Filemon T. Janka O.F.M. tal-Provinċja Polakka ta' S. Franġisk, lill-Ministru Provinċjal tagħna, għarfu li, P. Piotr Borowski O.F.M. kien lest biex imur jagħti servizz fil-Libja. Dan sar, wara talba li saritlu minn Mons. S. Magro O.F.M., biex jibgħatlu patri ieħor ħalli jkun jista' jgħen fil-Vigarjat Appostoliku tiegħu.

## Jum l-O.F.S.

Fis-27 ta' Settembru ġie ċċelebrat, fil-knejjes kollha franġiskani, Jum l-O.F.S. Dan sar billi tħejja *poster* għall-okkażjoni u tqassmu stediniet f' kull knisja mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ordni Franġiskan Sekular dwar dan l-ordni. Ufficċjalment fi ħdan il-Provinċja tagħna għandna żewġ komunitajiet — il-Ħamrun u r-Rabat. Lil dawn ħutna nħeġġuhom biex ikomplu jgħexu skond ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet tagħhom f' kollaborazzjoni mal-fraternitajiet tagħna.

## Direttorju Provinċjali ġdid

Nhar l-20 t' Ottubru beda jitqassam id-Direttorju Provinċjali ġdid 2009. Mnbarra li l-qoxra hija bil-kulur, fuq ġewwa barra mill-informazzjoni li hemm fuq l-Ammistrazzjoni , il-kunventi f' Malta u fil-Libja, hemm informazzjoni mhux biss fuq kull membru tal-Provinċja tagħna fil-qosor, imma din id-darba hemm ritratt *black and white* tiegħu. Fost l-oħrajn hemm informazzjoni dwar ħutna s-sorijiet franġiskani, li jinsabu f'pajjiżna , l-komunitajiet ta'l-O.F.S., il-Ministri Provinċjali tal-*English Speaking Conference* u ħutna l-mejtin, li mietu mill-1986 'l hawn. Grazzi mill-qalb lil kull patri li kkopera fl-informazzjoni li ġie mitlub biex jgħati u speċjalment lill-Provinċjal, P. Gużepp Vella (*updates*) u Fra Lorrie Zerafa ( *computer settings*) tax-xogħol li għamlu fuq din l-edizzjoni ġdida. Huwa ġie stampat fil-*Gozopress*, Għ ajnsielem , Għawdex. Jekk xi patri għadu ma rċevhiex, jista' jkellem lil P. Alex Borg.